# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tletin (30) ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 709/15 FDP**

Fl-ismijiet

## Kenneth Sultana (252986M) f'ismu proprju u għan-nom tad-ditta "KS Paramedic Solutions"

kontra

## Latina Pictures Ltd. (C-30415)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Lulju 2015, li permezz tiegħu rikorrenti talab s-segwenti:

*1. Illi r-rikorrenti ġie inkarigat mis-soċjeta' intimata Latina Pictures Ltd. sabiex jipprovdi konsistenti fil-provvista ta' nurses u trattament mediku, inkluż "medical supplies fuq 3 siti differenti tal-*produzzjoni *tal-film "The Tempest" li kien qiegħed isir ġewwa Malta mis-soċjeta' intimata in kollaborazzjoni mal-Paramount Pictures bejn ix- xhur ta' Frar 2015 u Lulju 2015;*

*2. Illi f'dan is-sens s-soċjeta' intimata Latina Pictures Ltd. daħlet fi 3 kuntratti, li huma jsejħu "purchase orders" differenti mar-rikorrenti għat-3 siti differenti, senjatament:*

*- Kuntratt Numru 1 (anness bħala Dok. KS1) - datat 21 ta' Frar 2015 għall-provvista ta' nurse ġewwa workshop Ħ'Attard għal total ta' 120 ġurnata, li minnhom 100 ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgħa kienu bir-rata ta' €151.25 (eskluża l-V.A.T) kull ġurnata u r-rimanenti 20 ġurnata riferribli għall-ġurnata tas-Sibt kienu bir-rata ta' €110 (eskluża l-V.A.T) kull ġurnata, għall-perjodu mit-23 ta' Frar 2015 sal-11 ta' Lulju 2015. It-total ta' dan il-kuntratt kien ta' €17,325 (eskluża l-V.A.T.);*

*- Kuntratt Numru 2 (anness bħala Dok. KS2) - datat 3 ta' Marzu 2015 għall-provvista ta' nurse ġewwa workshop fil-Marsa għal total ta' 36 ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgħa bir-rata ta' €151.25 (eskluża l-V.A.T) kull ġurnata għall-perjodu mill-4 ta' Marzu 2015 sat-22 ta' April 2015. It-total ta' dan il-kuntratt kien ta' €5,445 (eskluża l-VAT);*

*- Kuntratt Numru 3 (anness bħala Dok. KS3), datat 13 ta' Marzu 2015 għall-provvista ta' nurse ġewwa s-sit magħruf bħala Flower Power għal total ta' 102 ġranet, li minnhom 85 ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgha kienu bir-rata ta' €157.50 (eskluża l-V.A.T) kull ġurnata u r-rimanenti 17-il ġurnata riferribbli għall-ġurnata tas-Sibt kienu bir-rata ta' €112.50 (ekluża l-V.AT.) kull ġurnata, għall-perjodu mis-16 ta' Marzu 2015 sal-11 ta' Lulju 2015. It-total ta' dan il-kuntratt kien ta' €15,300 (eskluża l-V.A.T.);*

*3. Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, ir-rikorrenti ipprovda lis-soċjeta' intimata servizz u trattament mediku bi professjonalita kbira u skond is-sengħa, l-arti u l-professjoni tiegħu kif rikjest minnu bil-liġi, u kif speċifikatament mitlub minnu mis-soċjeta' intimata;*

*4. Illi dan nonostante, fil-15 ta' April 2015 waqt li l-istess kuntratti mogħtija lir-rikorrenti kienu għadhom viġenti, Winston Azzopardi, Direttur u soċju tas-soċjeta' Latina Pictures Ltd. li miegħu saru t-trattattivi anteċedenti mir-rikorrenti u li wasslu għall-istess kuntratti li jiġu maqbula u miftehma bejn il-partijiet għar-rigward tal-provvista tas-servizz u l-prezzijiet ta' l-istess kif fuq elenkati, bagħat notifika lir-rikorrenti tramite email, annessa bħala Dok. KS4 li biha r-rikorrenti ġie infurmat illi s-servizzi li għalihom ġie ikuntrattat mis-soċjeta' intimata kienu ser jiġu terminati mill-istess soċjeta' intimata fit-18 ta' April 2015, għaliex il-production tal-film The Tempest kienet iddeċidiet illi tagħmel arranġamenti alternattivi għal servizzi mediċi, liema deċiżjoni kienet finali, raġuni din li ma kenitx valida biżżejjed biex is-soċjeta' intimata twaqqaf servizzi minnha ikkuntratti u maqbula mar-rikorrenti li kienu għadhom in vigore;*

*5. Illi sussegwentement ir-rikorrenti ingħata informazzjoni u personalment jaf illi s-servizzi mediċi li hu kien ġie ikkuntrattat mis-soċjeta' intimata illi jipprovdi, ġew mgħoddija lil terzi minfloku, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*6. Illi dan l-aġir da parti tas-soċjeta' intimata kien għal kollox abbużiv u illegali, bi vjolazzjoni tal-kuntratt ta' servizzi minnhom magħmula mar-rikorrenti, u bl-aġir ta' l-istess ir-rikorrenti sofra danni sostanzjali in kwantu tilef ix-xogħol li għalih kien ġie ikkuntrattat, u senjatament s-somma ta'*

*€25,545.53 inkluż il-VAT. bir-rata ta' 18% rappreżentanti l-bilanċ mill-kuntratti kollha mit-18 ta' April 2015 sat-terminazzjoni tagħhom skond l-istess kuntratti u sussegwentement spiċċa bla xogħol għall-istess perjodu u tilef il-possibilita' ta' xogħol ieħor fl-istess perjodu stante li l-kuntratti għall-provvista ta' servizzi mogħtija lilu kienu għal żmien konsiderevoli. Dan apparti l-fatt illi sabiex ikun jista' jipprovdi s-servizzi minnu mitluba fil-perjodu komplessiv bejn it-23 ta' Frar 2015 u l-11 ta' Lulju 2015, huwa daħal f'impenji ma' staff mediku għall-istess perjodu, liema staff mediku kellu iwaqqaf ħesrem minħabba din it-terminazzjoni prematura u mingħajr ebda bażi;*

*7- Illi is-soċjeta' intimata ġiet debitament interpellata mir-rikorrenti sabiex tersaq għal likwidazzjoni tad-danni minnha rrekati riżultat ta' l-aġir tagħha (kopja hawn annessa bħala Dok. KS5) izda din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, li din l- Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata ma kellha l-ebda raġuni valida u legali sabiex fit-18 ta' April 2015 tittermina il-kuntratti għall-provvista ta' servizzi mediċi fuq tlett siti ġewwa Malta tal-produzzjoni tal-film "The Tempest" magħmula minnha mar-rikorrenti, senjatament il-kuntratt datat 21 ta' Frar 2015 għal provvista ta' servizzi ta' nurse ġewwa workshop Ħ'Attard bejn it-23 ta' Frar 2015 u l-11 ta' Lulju 2015, il-kuntratt datat 3 ta' Marzu 2015 għal provvista ta' servizzi ta' nurse ġewwa workshop fil-Marsa bejn l-4 ta' Marzu 2015 u t-22 ta' April 2015 u kuntratt datat 13 ta' Marzu 2015 għal provvista ta' servizzi ta' nurse ġewwa s-sit magħruf bħala Flower Power bejn is-16 ta' Marzu 2015 u l-11 ta' Lulju 2015, u konsegwentement tiddikjara li l-istess soċjeta' intimata kellha tonora sa l-aħħar dawn il-kuntratti għall-provvista ta' servizzi minnha stess magħmula mar-rikorrenti;*

*2. Tiddikjara illi riżultat ta' l-aġir tagħha s-soċjeta' intimata hija responsabbli għad-danni favur ir-rikorrenti, u konsegwentement tillikwida d-danni dovuti lill-istess rikorrenti mis-soċjeta' intimata;*

*3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti fi żmien perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-istess Qorti;*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra legali interpellatorja tat-12 ta' Ġunju 2015 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat fl-istess ismijiet fit-3 ta' Lulju 2015 li jġib n-numru 1071/2015 u bl-imgħax bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Settembru 2015, is-soċjeta' intimata ppreżentat ir-risposta tagħha, fejn laqgħet għal dak miltub billi qalet is-segwenti:

    1. *Illi l-ewwel u qabel kollox ir-rikors promotur tal-kawża odjerna huwa null u mingħajr effetti fil-liġi stante li l-attur la ħallas it-tariffi stabbiliti f'artikolu 3(1)(f) tat-Tariffa A tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) applikabbli f'każ ta' preżentata ta' rikors ġuramentat fejn it-talba tkun għall-ħlas ta' somma flus u lanqas ma għamel id-dikjarazzjoni msemmija f'artikolu 4(1 )(f) tal-istess Tariffa A tal-imsemmija Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk lanqas ma ħallas it-tariffa korretta dovuta skont l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-istess Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tant huwa minnu li l-atturi kienu jafu bit-talba preċiża tagħhom u cio' nonostante ma osservawx dawn ir-rikjesti stabbiliti mill-liġi li l-atturi indikaw l-ammont peċiż tat-talba tagħhom fil-mandat ta' sekwestru numru 1071/15 li huma ppreżentaw fit-3 ta' Lulju 2015 u fih l-attur ikkonferma bil-ġurament li l-kreditu tal-atturi huwa ħamsa u għoxrin elf, ħames mija u ħamsa u erbgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€25,545.53), kopja ta' liema mandat jinsab anness u hija mmarkata bħala Dokument "LP1";*

    2. *Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għall-fuq eċċipit l-atturi għandhom jeżibixxu prospett dettaljat li jiġġustifika kull ammont minnhom mitlub kif ukoll l-oriġinali tat-talbiet li allegatament għamlet is-soċjeta' esponenti biex issir kull biċċa xogħol li tagħhom l-atturi qed jirriklamaw il-ħlas fil-kawża odjerna, id-delivery notes relattivi debitament iffirmati mir-rappreżentant tas-soċjeta' esponenti u anke l-fatturi relattivi u konsegwentment l-esponenti qiegħda minn issa tirriserva illi tressaq eċċeżżjonijiet ulterjuri u li jistgħu jkunu meħtieġa wara li tali prospett jiġi eżebit;*

    3. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-fuq eċċipit għandu jiġi ppruvat l-interess legali tal-allegat attriċi "KS Paramedic Solutions" u għandu jiġi ppruvat li l-istess allegata attriċi "KS Paramedic Solutions" għandha personalita' ġuridika u li għandha l-jedd li tħarrek u fin-nuqqas it-talbiet attriċi in kwantu li huma mressqa minnha għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

    4. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-fuq eċċipit daqstant ieħor għandu jiġi ppruvat l-interess legali tal-attur Kenneth Sultana fit-talbiet attriċi u fin-nuqqas it-talbiet attriċi in kwantu li huma mressqa minnu għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż;*

    5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit l-atturi ma onorawx il-wegħdiet tagħhom kontenuti fl-istess iskritturi ossia Purchase Orders rispettivament datati l-21 ta' Frar 2015 (Dok RS1 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna), it-3 ta' Marzu 2015 (Dok RS2 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna) u t-13 ta' Marzu 2015 (Dok RS3 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna) għal dak li għandu x'jaqsam mat-twettieq tal-obbligi kuntrattwali u għalhekk l-pattijiet u kwindi d-drittijiet u l-obbligi ta' bejn il-kontendenti naxxenti*

*mill-imsemmija skritturi ġew xolti u terminaw skond il-provvedimenti tal-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalhekk is-soċjeta' eċċipjenti ma hijiex tenuta li tħallas lill-atturi jew lil min minnhom għal dak li huma ma wettqux;*

6. *Illi oltre dan u mingħajr preġudizzju, rinfaċċat bl-avviz tas-soċjeta' eċċipjenti tal-15 ta' April 2015 (Dok RS4 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna), min kien responsabbli mill-atturi seta' faċilment baqa' jippreżenta ruħu għax-xogħol u insista li hu għandu jkompli jwettaq l-allegati obbligi tiegħu sat-tmiem iż-żmien pattwit jekk tassew ħass li kien qed iwettaq l-obbligi tiegħu skond is-sengħa u l-arti hekk kif allega li kien qed jagħmel. Għalhekk ukoll kull rabta kuntrattwali li seta' kien hemm bejn il-kontendenti ġie terminat skond il-provvedimenti tal-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) u 1068 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u anke għalhekk biss l-atturi ma jistħoqqilhomx kumpens għax-xogħol li huma ma wettqux;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju tant huwa minnu li kull rabta kuntrattwali li seta' kien hemm bejn il-kontendenti ġie terminat skond il-provvedimenti tal-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) u 1068 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li l-atturi qed jeżiġu ħlas ta' dak li qatt ma seta' u qatt ma jista' jkun dovut lilhom skond dan il-ftehim - dato ma non concesso li l-atturi setgħu kienu intitolati għal xi ħlas ex contractu f'każ li l-istess atturi wettqu l-inkarigu skond is-sengħa u l-arti u baqgħu jonoraw l-obbligi kuntrattwali allura l-bilanċ sħiħ ta' dak dovut lilhom qatt ma seta' jeċċedi tnejn u għoxrin elf u mitejn euro (€22,200.00), u dana hekk kif ser jiġi spjegat u ppruvat fil-mori tal-kawża.*

8. *Illi dan ingħad u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi jew min minnhom irrekaw danni sostanzjali lis-soċjeta' eċċipjenti stante li, hekk kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża, l-istess atturi eżiġew u qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti ħlas għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża odjerna, u għal dan il-għan is-soċjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha skond il-liġi u qiegħda tagħmel kontestwalment id-debita kontro-talba fir-rigward;*

9. *Illi mingħar preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjeta' eċċipjenti odjerna ma kkawżat l-ebda danni lill-atturi;*

10. *Illi mingħar preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid- dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

11. *Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha minnu dikjarati;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi, flimkien mar-risposta, is-soċjeta' intimata ippreżentat Kontro Talba kontra r-rikorrenti, fejn talbet is-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta' esponenti ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna u, kif ingħad, l-istess soċjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt lilha konċess skond il-Liġi u qiegħda tagħmel il-preżenti kontro-talba kontra l-attur;*

   2. *Illi s-soċjeta' esponenti kienet tat diversi inkarigi lill-"KS Paramedic Solutions" u fejn din ta' l-aħħar ġiet inkarigata sabiex tippresta servizzi ta' nurse f'tlett postijiet, u dana kif jirriżulta aħjar mill-preċitati skritturi ossia Purchase Orders rispettivament datati l-21 ta' Frar 2015 (Dok RS1 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna), it-3 ta' Marzu 2015 (Dok RS2 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal-kawża odjerna) u t-13 ta' Marzu 2015 (Dok RS3 eżebit mar-rikors ġuramentat promotur tal- kawża odjerna);*

   3. *Illi issa minn eżerċizzju li l-esponent qed jagħmel qed jirriżulta li huwa l-każ li min ippresta s-servizzi imwiegħda ma għamilx dan skond is-sengħa u l-arti u l-atturi addirittura qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti ħlas għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti, kif jirriżulta mill-annessi dokumenti markati Dokumenti "LP2" u "LP3", rispettivament u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża odjerna;*

   4. *Illi inoltre kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-atturi jew min minnhom u l-impjegati u aġenti tagħhom kkawżaw danni lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, ta' liema danni l-atturi rikonvenzjonati huma unikament responsabbli;*

   5. *Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti koilha minnu dikjarati.*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-attur rikonvenzjonat għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

      1. *Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom huma responsabbli biex jirrifondu lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dik is-somma ta' flus li l-atturi rikonvenzjonati eżiġew u qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti bħala ħlas għad-diversi mis-servizzi li ma ġewx minnhom reżi lis-soċjeta' esponenti u għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti;*

      2. *Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom ikkawżaw danni lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u li l-istess l-atturi rikonvenzjonati huma unikament responsabbli għal dawk id-danni li huma kkagunaw lis-soċjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

      3. *Tillikwida dak l-ammmont ta' flus li l-atturi rikonvenzjonati eżiġew u qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti bħala ħlas dovut għad-diversi mis-servizzi li ma ġewx minnhom reżi lis-soċjeta' esponenti u għal medical*

*supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti u li għalhekk l-istess atturi rikonvenzjonati huma responsabbli biex jirrifondu lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;*

4. *Tillikwida id-danni li l-atturi rikonvenzjonati kkaġunaw lis-soċjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

5. *Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jħallsu lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dak l-ammmont ta' flus li l-atturi rikonvenzjonati eżiġew u qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti bħala ħlas dovut għad-diversi mis-servizzi li ma ġewx minnhom reżi lis-soċjeta' esponenti u għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti u li għalhekk l-istess atturi rikonvenzjonati huma responsabbli biex jirrifondu lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;*

6. *Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jħallsu lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni hekk likwidati li l-atturi rikonvenzjonati kkaġunaw lis-soċjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

*Bl-imgħaxijiet mid-data tal-inadempjeza tal-atturi rikonvenzjonati u bl-ispejjeż kontra l-istess atturi rikonvenzjonati, minn issa nġunti għas-subizzjoni u bir-riżerva ta' kull azzjoni oħra kontra l-atturi rikonvenzjonati spettanti lis-soċjeta' esponenti.*

4. Rat illi r-rikorrent rikonvenzjonant, fit-28 ta' Ottubru 2015, irrisponda għal dak mitlub fil-Kontro Talba billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament in-nullita' tal-kontro-talba peress li f'dan il-każ il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ma hix konnessa mat-talba ta' l-atturi rikonvenzjonati kif jitlob l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għas-segwenti raġunijiet,:*

      - *Illi skond ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti f'paragrafu numru 8 a fol. 61 tal-proċess, jingħad mill-istess soċjeta' illi huma kienu qed jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti skond il-liġi li jagħmlu kontro-talba a bażi tal-fatt illi, kif dikjarat mis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti fl-istess paragrafu "*l-atturi jew min minnhom irrekaw danni sostanzjali lis-soċjeta' eċċipjenti stante li, hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-istess atturi eżiġew u qed jeżiġu mingħand is-socjeta' esponenti ħlas għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti*;" Dan huwa ċar ukoll mill- istess kontro-talba paragrafu numru 3 fejn jingħad illi "*l-atturi qed jeżiġu mingħand is-soċjeta' esponenti ħlas għal medical supplies bla bżonn u/jew li ma ġewx użati u/jew ikkonsmati mis-soċjeta' esponenti, kif jirriżulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dokumenti "LP2" u "LP3". *Għalhekk huwa ampjament ċar u inekwivoku illi l-bażi tal-kontro-talba tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti hija l-kwistjoni ta' medical supplies;*

      - *Illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' intimata*

*rikonvenzjonanti, jirriżulta ampjament ċar mir-rikors ġuramentat promotur ta' l-atturi rikonvenzjonati illi l-atturi fl-ebda punt tat-talba tagħhom m'huma qegħdin jeżiġu ħlas ta' "medical supplies" min-naħa tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti. Jingħad illi l-kawża mibdija mill-atturi tikkonċerna danni subiti minnhom fir-rigward ta' kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' nurses fuq 3 siti tal-produzzjoni tal-film "The Tempest" magħmula mas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti għall-perjodu komplessiv bejn it-23 ta' Frar 2015 u l-11 ta' Lulju 2015, liema kuntratti għall-istess provvista ta' nurses ġew terminati qabel iż-żmien mis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti fit-18 ta' April 2015, u mhux medical supplies.*

- *Illi fil-fatt mhux qed jintalab l-ebda ħlas ta' medical supplies peress illi l-kwistjoni tal-medical supplies ġiet sorvolata xhur qabel ma nfetħet il-kawża da parti ta' l-atturi rikonvenzjonati - jingħad illi kif ha jirriżulta ukoll fil-mori tal-kawża, il-fatturi kollha rigwardanti l-"medical supplies" użati fiż-żmien illi l-atturi kienu qed jipprovdu s-servizzi lis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti u datati 26 ta' Frar 2015 sal-20 ta' April 2015 (Invoices Numri KSLPMP0, l-KSLPMP040 u KSLPMR001) li kienu jammontaw għas-somma ta' €5,385.59 tħallsu a saldu fit-18 ta' Ġunju 2015 permezz ta' żewġ ċekkijiet tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti, wieħed fl-ammont ta' €2781.71 (Remittance Advice u ċekk għal dan l-ammont anness mal-preżenti bħala Dok. KS6) u ieħor fl-ammont ta' €2603.88 (Remittance Advice u ċekk għal dan l-ammont anness mal- preżenti bħala Dok. KS7)*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost, il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti hija ukoll frivola u vessatorja għal dawn ir-raġunijiet:*

   - *Illi kif diġa' ġie eċċepit preċedentement l-atturi rikonvenzjonanti m'huma qegħdin jitolbu l-ebda ħlasijiet ta' medical supplies, għaliex kwalsiasi medical supplies li ġew użati waqt illi l-atturi kienu qed jipprovdu s-servizz lis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti bejn it-23 ta' Frar 2015 u l-20 ta' April 2015, ġew imħallsa fl-intjier tagħhom mis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti a saldu mingħajr ebda rizervi u kundizzjonijiet u mingħajr ebda kontestazzjoni tal-fatturi mgħoddija lilhom fir-rigward tal-medical supplies. Kwindi l-istess fatturi ġew aċċettati mis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;*
   - *Illi f'dan ir-rigward jingħad illi fit-12 ta' Ġunju 2015 wara diversi xhur illi l-atturi kienu ilhom jiġu mwiegħda li ser jitħallsu għal medical supplies fatturati lis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti, intbagħtet ittra legali (ppreżentata mar-rikors promotur bħala Dok. KS5) lis-soċjeta' intimata kif ukoll lir-rappreżentanti ta' Paramount Pictures, li tagħhom huwa l-produzzjoni tal-film, ġewwa l-iStati Uniti sabiex apparti milli jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni subiti minħabba terminazzjoni prematura tal-kuntratti tal-atturi mingħajr ebda raġuni valida, jersqu wkoll għall-ħlas tal-medical supplies fatturati diversi xhur qabel u ammontanti għas-somma ta' €5,385.59. Jingħad illi l-Avukat Dr. Michael Grech in rappreżentanza proprju tal-Paramount Pictures wara li dawn ġew ikkuppjati b'din il-korrispondenza tkellem mal-*

*klijenti tiegħu u fit-18 ta' Ġunju 2015 informa lill-Avukata sottofirmata Dr. Sarah Sultana illi l-kwistjoni riferribli għal medical supplies ġiet riżolta (Skambju ta' emails annessi bħala Dok. KS8) u li ċerta Yolanda Galea, l-accountant tas-soċjeta' Latina Pictures Ltd. kellha tikkomunika mal-atturi u l-avukat ta' l-atturi f'dan ir-rigward. Yolanda Galea fil-fatt bagħtet email fit-18 ta' Ġunju 2015 (annessa bħala Dok. KS9) li fiha indikat ċar illi ċ-ċekkijiet għall-ammont tal-fatturi tal-medical supplies kienu ġew maħruġa.*

- *Illi di piu la qabel, la fil-mori u lanqas wara illi sar il-ħlas da parti tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ma saret xi forma ta' interpellazzjoni għad-danni kontra l-atturi rikonvenzjonati u danni qegħdin konvenjentement jissemmew biss issa għall-ewwel darba wara illi l-atturi rikonvenzjonati fetħu l-kawża odjerna, u għalhekk t-talbiet tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti f'dan is-sens ma jistgħu bl-ebda mod jiġu milqugħa;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-atturi rikonvenzjonati ma kkaġunaw l-ebda danni lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti iżda hija l-istess soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti li kkaġunat danni lill-atturi rikonvenzjonati u għalhekk it-talbiet tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda fl-intjier tagħhom;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost il-pretensjonijiet tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda fl-intjier tagħhom;*

*5. Salvi eċċezjonijiet ulterjuri permissibbli bil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti.*

5. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2015 il-kawża ġiet differita għall-provi.

## Provi

6. Rat it-tlett "Purchase/Rental Order' redatti mis-soċjeta' intimata u li biha ingaġġat lil KS Paramedic Solutions sabiex tipprovdi s-servizzi segwenti:

   a. "*Construction Nurse @ Attard Workshop*" għall-perjodu "Feb 23 to July 11, 2015" (fol 6);
   b. "*Picture Vehicle Nurse @ Marsa Workshop*" għall-perjodu "March 4 to April 22, 2015" (fol 8);
   c. "*Construction Nurse @ Flower Power Location*" għall-perjodu "March 16 to July 11th 2015" (fol 10).

7. Rat l-email datata 15 ta' April 2015 mibgħuta minn Winston Azzopardi indirizzata lill-Kenneth Sultana fejn Azzopardi qal is-segwenti: (fol 12)

   *"It is with deep regret that I have to inform you that we will not require your services anymore as from next week.*

*The production has decided to make alternative arrangements for medical services.*

*Your last day will be this coming Sunday."*

8. Rat il-Log Sheet għall-perjodu 6 ta' April 2015 sa 11 ta' April 2015 u 14 ta' April 2015 sa 18 ta' April 2015, redatti mir-rikorrenti u eżebiti mis-soċjeta' intimata. (fol 32 – 56)

9. Rat il-ħlas ta' €2,781.71 u €2,603.88 illi saru lir-rikorrenti KS Paramedic Solutions mis-soċjeta' intimata Latina Pictures Limited fit-18 ta' Ġunju 2015 għall-materjal ipprovduti rispettivament bejn it-13 ta' April 2015 u l-20 ta' April 2014 kif ukoll is-26 ta' Frar 2015 u is-6 ta' April 2015 (fol 68) kif ukoll korrispondenza dwar tali ħlas u riċevuta datati 18 ta' Ġunju 2015, lkoll eżebiti mir-rikorrenti.

10. Rat ix-xhieda ta' **Kenneth Sultana** mogħtija fis-26 ta' Novembru 2015 u fid-9 ta' Marzu 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita.

11. Rat ix-xhieda ta' **Johann Baldacchino Romano** mogħtija fl-20 ta' April 2016.

12. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Kenneth Sultana ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni.

13. Rat l-affidavit ta' **Dr Victor Sultana**, ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2016.

14. Rat il-komputazzjoni tad-danni mitluba mir-rikorrenti, eżebiti fl-10 ta' Novembru 2016 (fol 261 – 263).

15. Rat l-affidavit ta' **Charlene Azzopardi**, ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2017.

16. Rat l-affidavit ta' **Dr Sarah Sultana**, ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2017.

17. Rat illi fid-19 ta' Jannar 2017, ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

18. Rat il-kontro ezami ta' Kenneth Sultana illi saret fis-16 ta' Mejju 2017.

19. Rat il-kontro ezami ta' Charlene Azzopardi illi saret fis-16 ta' Mejju 2017.

20. Rat il-kontro ezami ta' Johann Baldacchino Romano illi saret fis-17 ta' Ottubru 2017.

21. Rat il-kontro ezami ta' Professur Victor Sultana illi saret fil-21 ta' Novembru 2017.

22. Rat il-kontro ezami ulterjuri ta' Kenneth Sultana illi saret fit-30 ta' Jannar 2018.

23. Rat id-dokumentazzjoni ossija fatturi illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontesta u illi ġew eżebiti fit-30 ta' Jannar 2018.

24. Rat ix-xhieda ta' **Winston Azzopardi**, rappreżentant tas-soċjeta' intimata u mogħtija fit-13 ta' Marzu 2018.

25. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2018, is-soċjeta' intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

26. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fit-3 ta' Lulju 2019.

27. Semgħet ix-xhieda in kontro ezami ta' Winston Azzopardi, mogħtija fis-6 ta' Novembru 2019.

28. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2019 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

29. Rat illi s-sottomissjonjet rikorrenti bil-miktub ġew ippreżentati fit-13 ta' Frar 2020.

30. Rat illi s-sottomissjonijet intimati bil-miktub ġew ippreżentati fit-18 ta' Ġunju 2020.

31. Rat illi fit-18 ta' Ġunju 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

32. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' intimata kienet qiegħda tieħu ħsieb l-aspett lokali tal-produzzjoni ta' film ġewwa Malta prodott minn Paramount Pictures, intitolat oriġinalment '*The Tempest*' u eventwalment prodott bl-isem '*13 Hours*'.

33. Jirriżulta illi fi Frar tas-sena 2015 saru diskussjonijiet bejn Kenneth Sultana, li jopera fil-kummerċ bl-isem KS Paramedic Solutions, sabiex l-istess Sultana jipprovdi servizz ta' "*paramedic*" fuq sit ta' kostruzzjoni tal-film fuq imsemmi (fol 95).

34. Jirriżulta illi eventwalment, fil-21 ta' Frar 2015, intlaħaq ftehim bejn il-partijiet u s-soċjeta' intimata pprovdiet "*standard*" '***Purchase/Rental Order***' illi hija kienet qed tadopera fil-produzzjoni tal-film, fejn intalbet lill KS Paramedic Solutions "*please supply the following goods or services on the terms and conditions set out overleaf*".

35. Jirriżulta illi s-servizz hemm rikjest kien ta' "*Construction Nurse*" ġewwa "*Attard Workshop*", fejn is-servizz kellu jkun ta' 100 ġurnata matul il-Ġimgha bir-rata ta' €150 kulljum u 20 ġurnata is-Sibt bir-rata ta' €100 kuljum. Ġie indikat wkoll illi jkun hemm "*medical supplies as consumed, allowance*" ta' €300. (fol 6)

36. Jirriżulta illi sussegwentement, fit-3 ta' Marzu 2015, il-partijiet daħħlu fi ftehim ieħor fejn, din id-darba, kellu jiġi pprovdut servizz ta' '*Picture Vehicle Nurse'* ġewwa "Marsa Workshop", fejn is-servizz kellu jkun ta' 36 ġurnata matul il-Ġimgha bir-rata ta' €150 kulljum. Ġie indikat wkoll illi jkun hemm "*medical supplies as supplied, allowance €100*". (fol 8)

37. Jirriżulta illi f'dan il-każ, bħalma ġara fil-ftehim preċendenti, ġie maħruġ "***Rental Order***" bid-data tat-3 ta' Marzu 2015 u li miegħu kellu t-termini u kundizzjonijet annessi.

38. Jirriżulta, finalment, illi fit-13 ta' Marzu 2015, il-partijiet daħħlu fi ftehim ieħor fejn, din id-darba kellu jiġi pprovdut servizz ta' "*Construction Nurse*" ġewwa Flower Power, fejn is-servizz kellu jkun ta' 85 ġurnata matul il-Ġimgha bir-rata ta' €150 kulljum u 17-il ġurnata is-Sibt bir-rata ta' €100 kulljum. Ġie indikat wkoll illi jkun hemm "medical supplies as consumed, allowance" ta' €300 (fol 10).

39. Jirriżulta illi f'dan il-każ, bħalma ġara fil-ftehim preċendenti, ġie maħruġ "**Purchase/*Rental Order***" bid-data tat-13 ta' Marzu 2015 u li miegħu kellu t-termini u kundizzjonijet annessi.

40. Jirriżulta illi r-rikorrenti beda jrendi s-servizzi kif rikjest u beda jibgħat Log Sheet relattiva għal kull Ġimgha xogħol, kif jidher fid-dokumentazzjoni ippreżentati darbtejn mill-partijiet, darba mis-soċjeta' intimata (fol 32 et seq) u darba mir-rikorrenti (fol 128 et seq).

41. Jirriżulta illi fl-14 ta' April 2015, is-soċjeta' intimata bagħtet email lir-rikorrent fejn għarrfitu illi ma kellhiex aktar bżonn is-servizzi tiegħu u li mit-18 ta' April 2015 huwa kellu jieqaf jagħti s-servizzi tiegħu.

42. Jirriżulta illi fit-18 ta' April 2015, Kenneth Suiltana flimkien ma' min kien qed jaħdem miegħu, rritornaw l-affarjiet kollha relatati mas-sit tal-film, fosthom badges, ċwievet tal-clinics u mobiles lilhom pprovduti, u ma baqgħux irendu aktar servizz.

43. Jirriżulta illi, wara dakinhar, filwaqt li kien tħallas għas-servizzi reżi sat-18 ta' April 2015, huwa ma tħallasx tal-materjal illi huwa kien uża fix-xogħol, u kien biss wara li ntbgħatet ittra legali permezz tal-konsulent legali tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2015 (fol 13) illi huwa tħallas tal-materjal minnu pprovdut, liema ħlas sar fit-18 ta' Ġunju 2015 u għal valur komplessiv ta' €5,385.59.

44. Jirriżulta illi sussegwentement, ir-rikorrenti beda jinsisti mas-soċjeta' intimata illi jitħallas għall-perjodu ta' xogħol illi kien għad fadallu mit-18 ta' April 2015 'l quddiem u, wara li ma ntlaħaq ebda ftehim, ġiet intavolata l-kawża odjerna fit-22 ta' Lulju 2015, għall-ħlas lilu tas-servizzi tiegħu sal-perjodu tat-tmiem tal-kuntratti.

45. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, hekk kif l-proċeduri odjerni ġew intavolati, laqgħet għal dak mitlub billi saħqet illi r-rikorrenti ma onorax dak li wiegħed filwaqt illi talbu lil dina l-Qorti tordna lir-rikorrenti jirrifondiha l-ammont żejjed ta' mediċini u affarjiet oħra kkonsmati bla bżonn.

## Ikkunsidrat

46. Jirriżulta, mix-xhieda prodotti, illi, fi kliem Winston Azzopardi, is-servizzi tar-rikorrent ġew terminati in vista tal-fatt illi kien jidher li kien qed jintefaq ammont kbir ta' flus fuq mediċini u materjal relatat, liema ammont is-soċjeta' intimata kienet tqis illi kien esagerat u riżultat ta' nuqqasijiet da' parte tar-rikorrent, u għalhekk is-soċjeta' intimata għażlet illi tittermina s-servizzi reżi mir-rikorrent.

47. Jirriżulta illi eventwalment s-soċjeta' intimata qabbdet is-servizzi ta' terzi u, fi kliem Winston Azzopardi, nefqet ferm anqas f'mediċinali u materjal relatat.

48. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, di fatti, fid-difiża tagħha kkontestat illi fil-ftehim milħuq, ir-rikorrenti kellu limitu ta' mediċina illi seta jonfoq, u insistiet illi l-limitu kien dak stipulat fil-ftehim.

49. Jirriżulta, madanakollu, illi fi kliem Winston Azzopardi stess, rappreżentant ta' l-istess soċjeta' intimata, a differenza ta' dak illi kienet qed tippretendi s-soċjeta' intimata permezz tal-kontro talba tagħha, ma kien hemm assolutament ebda limitu fl-ispejjeż u,

mistoqsi speċifikatament jekk kienx hemm "*capping tal-mediċini*", huwa insista illi "*u żgur li ma kienx hemm capping*". (fol 388)

50. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-kontro talba tas-soċjeta' intimata hija wahda totalment bla bażi w infondata, kif jirriżulta mill-fatti ammessi mir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata stess, u l-Qorti mhiex ser tinoltra ruħha aktar 'l hinn fuq dik it-talba, peress illi ħareġ ċar li ma kien hemm ebda limitazzjoni dwar il-mediċini li setgħu intużaw.

## Ikkunsidrat

51. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi huwa tilef ħafna flus riżultat tal-fatt illi l-kuntratt intemmlu ħesrem u illi kien xtara ħafna mediċini u materjal ieħor li eventwalment huwa ma utilizzax.

52. Jirriżulta, madanakollu, illi fil-prospett minnu redatt u ppreżentat, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti jirrigwardaw unikament l-prestazzjoni presunta tas-servizz tiegħu kif deskritt fit-tlett kuntratti fuq aħjar deskritti u li ġew lkoll kemm huma terminati b'effett mit-18 ta' April 2015.

53. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent jikkontendi illi irid jitħallas l-ammont ta' €12,266.10 għall-ewwel kuntratt datat 21 ta' Frar 2015, l-ammont ta' €535.43 għat-tieni kuntratt datat 3 ta' Marzu 2015 u l-ammont ta' €12,744 għat-tielet kuntratt datat 13 ta' Marzu 2015 – total ta' €25,545.53.

54. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata tinsisti illi, abbażi tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16, hija kellha dritt ittermina l-kuntratt ta' appalt mogħti lir-rikorrenti, liema dritt hija għażlet illi teżerċita' filwaqt illi ħallset lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha inkorsi kif ukoll il-valur tax-xogħol magħmul sa dakinhar illi ġie terminat l-appalt.

55. Jirriżulta wkoll illi, fl-appalt mogħti lir-rikorrent mis-soċjeta' rikorrenti, kien hemm "*terms and conditions*" illi għalihom ir-rikorrent aderixxa meta beda joffri s-servizzi tiegħu, liema kundizzjonijet l-istess rikorrenti kien ben a korrent tagħhom, kif jirriżulta wkoll mill-fatt illi huwa eżebihom flimkien mad-dokumentazzjoni tiegħu.

56. Jirriżulta illi, fost il-kundizzjonijet hemm inklużi, fejn jirrigwarda terminazzjoni tal-kuntratt, jingħad is-segwenti:

> *19.1 LPL reserves the right to terminate this Order with immediate effect by giving notice to the Supplier, such notice to become effective on the date of receipt. Goods in process of manufacture or manufactured in accordance with LPL's delivery requirements may, at the option of LPL either be completed and delivered and paid for or, alternatively LPL may pay reasonable compensation in respect of the cost of material and labour involved in the production of such Goods up to the time of the termination of this Order.*
>
> *19.2 Without prejudice to any other right LPL may have, LPL shall be at liberty to terminate this Order forthwith and without redress if the Supplier.-*
>
> *19.2.1 breaches any of the terms and conditions of this Order, or*
> *19.2.2 becomes Insolvent (that is (a) makes any voluntary arrangement with its creditors or (being a company) becomes subject to an administration order or goes into liquidation (otherwise than for the purpose of a solvent amalgamation or reconstruction) or anything analogous to any of those events under the law of any relevant jurisdiction occurs in relation to Supplier, (b) an encumbrance takes possession, or a receiver is appointed, over any of the property or assets of Supplier, (c) Supplier ceases (or threatens to cease) to carry on business, (d) the financial position of Suppler deteriorates to such an extent that in the opinion of LPL the*

*capacity of Supplier adequately to fulfill its obligations under this Order has been placed in jeopardy, or (e) LPL reasonably apprehends that any of the events mentioned above is about to occur in relation to Supplier),*

*19.3 Upon termination of this Order or upon Supplier's insolvency LPL shall be entitled to the immediate return of such materials held by Supplier pursuant to condition 13.*

57. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontendi illi kellha raġuni valida biex tittermina s-servizzi mogħtija mir-rikorrenti stante illi r-rikorrenti kien qabeż il-limitu stabbilit fil-ftehim ta' bejniethom dwar kemm setgħu jintefqu mediċini.

58. Jirriżulta, madanakollu, illi kif stqarr ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, l-ammont indikat fit-tlett ftehim differenti milħuqa bejn il-partijiet bħala "*medical supplies as supplied, allowance"* <u>ma kellux jitqies bħala limitu ossija "*capping*" tal-mediċinali illi kellu jipprovdi r-rikorrent,</u> w ir-rikorrent jisħaq, di fatti, illi tali ammont kellu jitqies bħala "*per single use*", kif minnu indikat fil-kundizzjonjiet minnu esposti fil-korrispondenza li wasslet għall-ftehim (fol 105)

59. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak dikjarat mis-soċjeta' intimata, ma kien hemm ebda ksur ta' ftehim da' parte tar-rikorrent u għalhekk is-soċjeta' intimata ma kellha ebda dritt illi tittermina l-kuntratt ta' appalt mogħti lir-rikorrenti mingħajr ma tinkorri xi konsegwenzi, liema dritt kien lilha mogħti f'Artikolu 19.2 tal-Kundizzjonijet fuq imsemmija.

## Ikkunsidrat

60. Jirriżulta, mill-fatti kif mressqa mis-soċjeta' intimata, illi r-raġuni għaliex hija terminat il-kuntratt tar-rikorrenti kienet għax kienu qed jintefqu wisq flejjes f'mediċinali.

61. Jirriżulta wkoll, skond Azzopardi, illi kienet is-soċjeta' Paramount Pictures u min kien responsabbli hawn Malta, illi insista li tali deċiżjoni tittieħed.

62. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ebda tip ta' prova f'dana is-sens ma ġiet prodotta, u l-unika prova li ressqet is-soċjeta' intimata kienet ix-xhieda ta' Winston Azzopardi biss.

63. Il-Qorti kienet tippretendi mingħand is-soċjeta' intimata illi, la darba għażlet illi tittermina s-servizzi tar-rikorrent, illi kien ingħata mhux kuntratt wieħed iżda saħansitra tlett kuntratti fuq medda ta' anqas minn erbgħa ġimghat, hija kienet għall-anqas tottjeni dokumentazzjoni suffiċjenti mingħand min kien qed jopera magħha, ossija Paramount Pictures, illi juri t-tħassib serju tagħha dwar l-operat u n-nefqa tar-rikorrent, kif ukoll kienet tagħti indikazzjoni dwar l-ispejjeż illi attwalment nefqet f'mediċinali <u>**wara**</u> li ġie tterminat is-servizzi lir-rikorrenti, fejn hija qalet li nefqet ħafna anqas.

64. Minn dan, is-soċjeta' intimata ma ressqet xejn, u straħet unikament fuq id-dritt li hija għandha abbażi tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16 – referenza għat-Terms and Conditions tal-kuntratti ma saru assolutament xejn, għalkemm kienu jikkontemplaw l-istess drittijiet fuq imsemmija.

65. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi la darba s-soċjeta' intimata naqqset milli tiġġustifika bi provi r-raġuni għaliex hija tterminat is-servizzi tar-rikorrenti, għalhekk ma għandu jkun hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti li

jitħallas għall-ġranet kollha illi huwa kien offra s-servizzi tiegħu, u dan in linea ta' danni.

66. Jirriżulta ben ċar illi, a differenza ta' dak allegat mis-soċjeta' intimata, ir-rikorrenti ma setax ikompli jippresta s-servizzi tiegħu għax tteħdulu l-"credentials" kollha sabiex jaċċedi għas-siti tal-produzzjoni.

67. Jirriżulta ben ċar ukoll illi r-rikorrent, illi kien ġia' ingħata tlett kuntratti wara xulxin u li jikkomplimetaw lil xulxin kif ukoll kellhom "overlap" fil-perjodi ta' prestazzjoni tagħhom, ma kellu ebda raġuni jifhem illi s-servizzi tiegħu kienu ser jintemmu ħesrem, u għalhekk kellu pretensjoni leġittima illi kien ser jagħmel il-perjodu sħiħ tas-servizz u jitħallas tagħhom.

68. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi madanakollu r-rikorrent, fil-konteġġi tiegħu a fol 261, wasal għal valutazzjoni finali tiegħu ta' €25,545.53 billi ħadem rata ta' €151.25 għal kull jum tal-Ġimgha, u rata ta' €110 għal kull ġurnata tas-Sibt.

69. Jirriżulta, madanakollu, illi żewġ kuntratti minnhom, ossija dawk tal-21 ta' Frar 2015 u tat-3 ta' Marzu 2015 kellhom rata ta' €150 għall kuljum tal-Ġimgha filwaqt illi il-kuntratt tal-21 ta' Frar 2015 kellu rata ta' €100 għal kull ġurnata tas-Sibt.

70. Jirriżulta, għalhekk, illi l-pretensjonijiet dwar dak dovut għaż-żewġ kuntratti tal-21 ta' Frar 2012 u 3 ta' Marzu 2015 tterminati qabel il-ħin għandhom jinħaddmu abbażi ta' tali rati.

71. Jirriżulta, għalhekk, illi għal dak illi jirrigwarda l-kuntratt tal-21 ta' Frar 2012, kien hemm sittin (60) ġurnata bir-rata ta' €150 kuljum u tnax-il (12) ġurnata tas-Sibt bir-rata ta' €100, u għalhekk il-bilanċ pretiż mir-rikorrenti għal dak il-kuntratt kellu jkun ta' €10,200 flimkien ma' 18% VAT, li jagħmlu total ta' tnax-il elf, u sitta u tletin Euro (€12,036).

72. Jirriżulta wkoll illi, għal dak li jirrigwarda l-kuntratt tat-3 ta' Marzu 2015, kien hemm tlett ijiem bir-rata ta' €150 kulljum, u għalhekk il-bilanċ pretiż għal dak il-kuntratt kellu jkun ta' €450 flimkien ma' 18% VAT, li jagħmlu total ta' ħames mija wieħed u tletin Euro (€531).

73. Jirriżulta, finalment, illi għal dak illi jirrigwarda it-tielet kuntratt tat-13 ta' Marzu 2015, il-konteġġi magħmula mir-rikorrenti huma korretti w is-somma ta' tnax-il elf, sebgħa mija u erbgħa u erbgħin Euro (€12,744) li tinkludi l-ammont ta' elf, disgħa mija u erbgħa u erbgħin (€1,944) bħala VAT, kien il-bilanċ pretiż fuq tali kuntratt.

74. Jirriżulta, għalhekk, illi kienu s-soċjeta' intimata ma tterminatx it-tlett kuntratti tar-rikorrenti ħesrem u mingħajr raġuni valida, huwa kien jipperċepixxi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u ħdax-il Euro (€25,311) li minnhom tlett elef, tmien mija u wieħed u sittin Euro (€3,861) kienu VAT ta' 18%, w il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex r-rikorrent ma għandux jiġi kkumpensat għal tali telf ta' qliegħ billi jintraddulu l-flejjes fuq indikati esklużi l-element tal-VAT, mis-soċjeta' intimata.

75. Jirriżulta illi tali danni ghandhom jammontaw għal wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u ħamsin Euro (€21,450).

## Ikkunsidrat

76. Qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni, il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mis-soċjeta' intimata.

77. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata hija dwar nullita' tal-azzjoni għax ir-rikorrent ma ħallasx id-drittijiet tar-reġistru abbażi ta' dak illi kien qiegħed jippretendi iżda l-valur fir-rikors promotur tħalla vag sabiex ma jitħallsux drittijiet għolja – il-Qorti tosserva illi huwa dritt ta' kullhadd li jillimita u jirrediġi r-rikors promotur skond kif jidhirlu opportun hu, u ċertament ma jimporta ebda nullita' jekk ma indikax is-somma pretiża fir-rikors promotur – li huwa ċert, iżda, huwa illi fit-tħaddim tat-taxxa finali tal-kawża, tali somma ser tiġi kkunsidrata w għalhekk id-dritt reġistru jiġi emendat biex jirrifletti tali fatt. Għalhekk, nullita ċertament ma tista' qatt tirriżulta.

78. It-tieni eċċezzjoni preliminari kienet dwar prospett dettaljat – ir-rikorrenti ippreżenta prospett dettaljat kif ukoll log sheets u dokumentazzjoni relatata mas-servizzi reżi, u għalhekk tali eċċezzjonijiet hija issa superfluwa.

79. It-tielet eċċezzjoni u raba' eċċezzjoni preliminari jimxu flimkien, u dana peress illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontesta l-interess ta' Kenneth Sultana f'KS Paramedics Solutions – mill-provi jirriżulta ċar illi Kenneth Sultana jopera fil-qasam ta' paramedics taħt l-isem ta' KS Paramedics Solutions, u għalhekk Kenneth Sultana għandu, kemm interess personali fil-proċeduri odjerni, kif ukoll interessi bħala eżerċjenti KS Paramedics Solutions – għalhekk tali eċċeżżjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

**Tgħaddi** biex tiddeċiedi dina l-vertenza billi,

**Tiċħad** il-kontro talba tas-Soċjeta' Intimata,

**Tiċħad** l-eċċeżżjonijiet tas-Soċjeta' Intimata,

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrenti kif mitluba, u għalhekk;

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' intimata ma kellha ebda raġuni valida u legali biex tittermina t-tlett kuntratti ta' provvista ta' servizzi mediċi illi saru fil-21 ta' Frar 2015, 3 ta' Marzu 2015 u 13 ta' Marzu 2015;

**Tiddikjara** illi, riżultat tal-aġir tas-soċjeta' intimata, r-rikorrenti sofra danni riżultanti f'telf ta' qliegħ fl-ammont ta' **wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u ħamsin Euro (€21,450);**

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata Latina Pictures Limited tħallas lil Kenneth Sultana eżerċjenti fil-kummerċ bħala KS Paramedic Solutions is-somma ta' **wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u ħamsin Euro (€21,450)** kif fuq aħjar deskritta.

**Spejjeż** tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Imgħax** jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**